# FIT-TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

GUDIKATUR
**AVV. DR. KEVIN CAMILLERI XUEREB**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 20 ta' Ottubru, 2017**

**Avviz tat-Talba numru: 370 / 2016**

**GO P.L.C.**
**[REG NRU. C-22334]**

*VERSUS*

**EMANUEL SANT**
**[K.I. NRU. 466164M]**

It-Tribunal;

Ra l-Avviz tat-Talba prezentat nhar il-15 ta' Settembru, 2016 fejn is-Socjetà Attrici talbet li l-konvenut jigi kkundannat ihallas is-somma ta' seba' mija, seba' u sittin ewro u disghin ewro centezmi (€767.90c) rapprezentanti provvista ta' servizzi ta' telekomunikazzjoni kif ahjar deskritt fl-istess imsemmi Avviz tat-Talba. Talbet ukoll l-ispejjez u l-imghax.

Ra li l-kawza giet appuntata ghas-smiegh ghas-seduta ta' l-24 ta' Ottubru, 2016;

Ra li ghad li debitament notifikat bl-atti ta' dawn il-proceduri, il-konvenut naqas milli jipprezenta risposta fit-terminu preskritt mil-ligi ghal dan il-ghan u lanqas ma deher personalment (jew tramite rapprezentant tieghu) ghas-smigh ta' dan il-procediment;

Ikkunsidra l-provi dokumentarji mressqa;

Ra l-atti u d-dokumenti kollha mressqa;

Sema lir-rapprezentant tas-socjetà attrici fl-udjenza tal-llum stess fejn gie konfermat bil-gurament li l-ammont reklamat mis-socjetà attrici ghadu dovut fl-intier tieghu mill-konvenut;

Ikkunsidra;

Illi l-Artikolu 9(2)(a) tal-Kapitolu 380 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi illi, "*Bla hsara ghal kull regola msemmija fis-subartikolu (1), ġudikatur – Ghandu jiżgura li kaz ghandu, daqskemm ikun possibbli, jinstema' u jinqata sommarjament fl-istess jum tas-smigh tieghu u li dak is-smigh ma jtulx iktar minn seduta wahda.*"

Il-paragrafu (b) ta' l-Artikolu 13 ta' l-istess imsemmi Kapitolu jiddisponi illi, "*Jekk xi parti tonqos li tidher fid-data stabbilita ghas-smigh tal-kawza, id-disposizzjonijiet li gejjin ghandhom jghoddu ... Jekk il-konvenut jonqos li jidher, il-gudikatur jista jiddeċiedi l-kawza fin-nuqqas tal-konvenut u tista ssir ammissjoni bis-subizzjoni tal-konvenut, u d-disposizzjonijiet tas-Sub-titolu VI tat-Titolu I tat-Tielet Ktieb tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili, li jirrigwardaw l-ammissjoni bis-subizzjoni tal-konvenut fil-qrati inferjuri ghandhom jghoddu mutatis mutandis.*"

Minn qari ta' din ic-citata disposizzjoni, jidher li hija mhollija fid-diskrezzjoni tat-Tribunal jekk huwa jiddiferixxiex il-kawza jew le ghal gurnata ohra sabiex jisma lill-parti mharrka f'kaz li din ma tidhirx quddiemu.

Fil-kaz prezenti, l-konvenut gie debitament notifikata bl-atti processwali hekk kif registrat fil-verbal ta' l-udjenza tal-llum stess. Cionostanti tali notifika, l-konvenut la ressaq risposta fit-terminu li trid u tghid il-ligi u lanqas ma deher ghas-seduti mizmuma quddiem it-Tribunal fil-perjodu wara n-notifika lilu ta' l-atti u, addirittura, lanqas ma deher xi rapprezentant tieghu sabiex issehh kontestazzjoni tal-pretiza attrici fl-udjenzi mizmuma minn dan it-Tribunal.

Salv ghal dak li ser jinghad daqt, fid-dawl ta' l-affidavit ezebit flimkien mat-talba promotrici u in vista tad-dikjarazzjoni ta' rapprezentant tas-socjetà attrici fis-seduta tal-llum, jirrizulta li t-talba tas-socjetà attrici hija fondata u li ma tressqet l-ebda prova li b'xi mod turi li dak li intqal mis-socjetà attrici ma ghandux mis-sewwa.

Dak li dan it-Tribunal ghandu rizerva dwaru hija t-talba attrici dwar id-data tad-dekorriment ta' l-imghax fuq is-sorte. L-attrici talbet l-"*imghaxijiet legali sa mill-31 ta' Lulju, 2015, data tal-prezentata tal-imsemmija ittra ufficjali.*"

Mill-atti jirrizulta illi fil-31 ta' Lulju, 2015 giet prezentata ittra ufficjali skond l-Art. 166A tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta. Mill-kopja ezebita jidher li l-istess qatt ma giet notifikata lid-debitur, hawnhekk konvenut (ara *a tergo* ta' *fol*. 5). Ghalhekk, il-pretiza msemmija f'tali missiva gudizzjarja qatt ma twasslet a konoxxenza tad-debitur imsemmia fiha. Inoltre, l-effetti ta' tali ittra ufficjali jibdew isehhu minn meta l-istess tigi notifikata lid-debitur indikat fiha, hekk kif implicitament rikonoxxut fl-Art. 166A(4) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta li jwaddab l-obbligu

fuq id-debitur li jattiva ruhu fi zmien specifiku mid-data li hu jigi notifikat (u mhux mill-prezentata ta' l-ittra ufficjali). Inoltre, kif previst fl-Art. 890 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta, *"Il-protest jew l-ittra ufficjali jibdew isehhu minn dak in-nhar tan-notifika."* F'dan il-kaz, kif juru l-atti gudizzjarji ta' din il-kawza, wiehed ma jistax jitkellem dwar notifika, ghax notifika debita hija kompletament inezistenti. Allura, jiddixxendi li wiehed ma jista' jatribwixxi l-ebda effikacja guridika lill-imsemmi att gudizzjarji (i.e., ittra ufficjali ezebita *a fol.* 5) li ma giex debitament notifikat. Tali effetti, allura, jirriverberaw negattivament fuq il-pretiza tad-dekorriment ta' l-imghaxijiet kif mitlub mill-attrici fl-att promotur.

Din l-osservazzjoni diga' kienet sehhet minn dan it-Tribunal, diversament presjedut, fil-kawza *in re* **Go p.l.c v. Beatriz Diaz Pedraza** (decizjoni moghtija fit-23 ta' Settembru, 2015). In vista ta' hekk, dan it-Tribunal, kif illum presjedut, jigbed l-attenzjoni tas-socjetà attrici biex f'kazijiet futuri, b'fattezzi analogi ghal dak *de quo*, taghraf tirregola ruhha f'dan ir-rigward.

Fic-cirkostanzi, l-imghax ghandu jibda' jsehh mis-sejha gudizzjarja, ossia mill-15 ta' Settembru, 2016 li hija dik id-data li fiha saret is-sejha gudizzjarja fuq il-konvenut debitur.

Illi ghalhekk, in vista tal-provi pprezentati quddiemu, u fid-dawl ta' dak fuq kunsidrat, it-Tribunal ma ghandu l-ebda triq ohra hlief li jiddikjara li l-ammont mitlub mis-socjetà attrici huwa dovut mill-konvenut.

Ghalhekk, it-Tribunal, jaqta u jiddeciedi dan il-kaz billi jilqa t-talba tas-socjetà attrici u konsegwentement jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjetà attrici s-somma ta' seba' mija, seba' u sittin ewro u disghin ewro centezmi (€767.90c), bl-imghaxijiet legali fuq dan l-ammont jibdew jiddekorru mill-15 ta' Settembru, 2016 sad-data tal-hlas effettiv.

L-ispejjez kollha tal-proceduri, kif mitlub fl-att promotur, huma a kariku tal-konvenut.

***ft.* AVV. DR. KEVIN CAMILLERI XUEREB**
***Gudikatur***

***ft.* ADRIAN PACE**
***Deputat Registratur***